## LIL WAHDA LI GHANDHA SNIENHA MHUX SBIEH
## KIF JAF JAGHMILHOM ID-DENTIST WARA LI JAQLA' L-KOROH

*Għal snienek, min iħobbok,*
*mhux sejjer iħallik,*
*b'dawn l-irqaqat ta' kruba*
*il-mera biss tinkik.*

*Min ma jħobbokx, 'k iħares,*
*nofs ħarsa biss jagħtik:*
*għajnejn jilmaw bl-imħabba*
*ħlief ġmiel ma jarawx fik.*

*Għalhekk, ħanina tiegħi,*
*fuq krub u ġmiel taħsibx,*
*ftakar li l-mera tqarraq*
*avolja ma tigdibx.*

MARĊELL MIZZI

## GHAWDEX

*Kull meta niġi nżurek, gżira tiegħi,*
*nistħajlek bħal dik l-omm li ġewwa ħdanha*
*tilqa' lil binha msiefer, u, ferħana,*
*toqgħod f'rokna tad-dar titkellem miegħi.*

*Tfakkarna fil-widien u fuq it-tliegħi*
*ħodor tal-għoljiet tiegħek fejn il-għana*
*tal-għelejjel tal-art tagħmlek sultana*
*b'rasek imżejna b'tal-frott l-isbaħ friegħi.*

*Tfakkarni fil-Kastell, il-Belt Qadima,*
*bl-irdum ta' nies qalbiena, u fi tfuliti,*
*għall-Madonna ta' Pinu fl-ewwel qima;*

*Fid-dwejra fuq il-blat ta' xatt il-baħar*
*ta' ċkuniti fis-sajf, u, fi xjuħiti,*
*f'Għawdex li qalbi l-lum bih biss tiftaħar.*

A. CREMONA